# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 214/2021/2 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**OB**

**Vs**

**MW**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' OB datat 1 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Il-kontendenti zzewgu f'Malta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok 'A'].*

2. *Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt tifal, u cioe' JA – li twieldet f'X [Dok. 'B'] – u JL – li twieldet f'Y [Dok 'C'].*

3. *In forza tad-digriet datat hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) [digriet numru 1599/2021 in atti tal-ittra numru 632/2020 BOB], ir-rikorrenti pproceda bil-kawza odjerna [Dok. 'D']. Din il-kawza ghadha ma hijiex appuntata.*

4. *Il-kontendenti huma mifrudin de facto; dan ghaliex fic-cirkostanzi pervalenti l-esponenti ma kellux ghazla ohra ghajr li jallonta ruhu mid-dar matrimonjali.*

5. *L-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, li sejra tigi likwidata fis-*

*sentenza definittiva ta' din l-Onorabbli Qorti, llum spicca ghal kollox; hija x-xewqa tal-istanti li dan l-istat ta' fatt jigi sancit legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti.*

6. *Ghandu jkun inkontestat li ebda parti ma tista' tbati l-pregudizzju kontemplat fl-art. 55 (4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jekk kemm-il darba l-komunjoni tal-akkwisti titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti. Dan anke in vista tal-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell.*

7. *Din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba kellha l-opportunita' ttenni li l-waqfien tal-komunjoni ma jistax hlief ikun ta' beneficcju ghall-kontendenti, partikolarment meta dan jintalab u jigi koncess fl-istadju inizjali tal-proceduri ghall-firda. F'dan l-isfond issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet <u>Daniela Mizzi v. Duncan Mizzi</u> (28 ta' Marzu 2014, Appell Civili nru. 257/2011/1). Din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza AB c. CB (30 ta' Ottubru 2014, Rikors nru. 133/2012/3) insenjat illi: "F'kawza ta' separazzjoni wahda mit-talbiet principali hi li l-komunjoni tigi terminata. Bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 55 il-Legislatur ried li fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni jew divorzju l-partijiet jistghu jitolbu li l-komunjoni tigi terminata. Certament li l-Legislatur kien konxju tal-fatt illi mat-terminazzjoni tal-komunjoni kull parti ma tibqax tippartecipa mid-dhul tal-parti l-ohra. Tali rizultat isehh prattikament ma' kull terminazzjoni."*

8. *Il-Qorti tal-Appell osservat inoltre "(...) li l-ezami li hu rikjest mi-lligi ghad-detereminazzjoni ta' tali talba, ma jirrigwardax ir-raguni wara tali talba, izda jirrigwardja l-punt jekk bl-akkoljiment ta' tali talba fl-sitadju li tkun maghmula "xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat." "(Ara <u>Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg v. Michael Lowell</u> (30 ta' Ottubru 2015, Rikors nru. 139/2021))*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-art. 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Okkorrendo tappunta dan ir-rikors sabiex jinstema' flimkien mal-procediment principali.*

2. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B.*

3. *Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B spiccuta mill-jum l-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti in materia tkun finali u konklussiva.*

4. *Tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MW datata 15 ta' Settembru 2021, li taqra hekk:

1. *Illi r-Risposta de quo qegħda ssir għar-Rikors li ġie ippreżentat mir-rikorrenti fl-1 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi filwaqt illi tiċħad dak illi jingħad fir-raba' (4.) premessa tal-imsemmi Rikors, billi r-rikorrenti telaq mid-dar matrimonjali għax ried hu u ħadd ma ġiegħlu hekk jagħmel, l-eċċipjenti taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet għandha titwaqqaf.*

3. *In effett, l-esponenti kienet bi ħsiebha tintavola rikors b'talbiet simili għal dak odjern hija stess billi hija tinsab ikkonċernata minħabba l-fatt illi r-rikorrenti huwa appuntat bħala direttur fuq diversi kumpaniji u għalhekk ikun fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti illi ma jkunx hemm rabta bejn ir-responsabbiltà li qiegħed iġorr ir-rikorrenti b'riżultat tad-direttorati okkupati minnu u l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, speċjalment tenut kont tal-fatt illi l-esponenti saret taf bl-eżistenza ta' dawn id-direttorati wara li r-rikorrenti kien ġja allontana ruħu mid-dar matrimonjali.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tal- 24 ta' Novembru 2021 fejn il-partijiet iddikjaraw illi ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza in parte.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attur permezz tar-rikors tal-1 ta' Settembru 2021 fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attur u l-konvenuta u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat

ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li **t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.**

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Permezz tar-risposta taghha, datata 15 ta' Settembru 2021, fejn il-konvenuta, ma oggezzjonatx ghat-talba tal-attur.

Illi in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-konvenuta, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attur jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**